MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2014

Numru. 896/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Stephen Nappa**

## Kumpilazzjoni Numru: 896/2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Nappa, ta' 33 sena, bin Joseph u Eva nee' Cuschieri, imwieled il-Pieta', fl-1 ta' Dicembru, 1980 u residenti fil-fond 140, Flat 8, Triq San Nikola, Valletta u detentur tal-karta ta' l-indentita bin-numru 554480(M).

Akkuzat talli nhar id-19 ta' Settembru, 2014 ghal habta tan-12:30hrs gewwa l-Hamrun, ikkommetta serq ta' €80 fi flus kontanti liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz ghad-detriment ta' Mary Chircop ta' 73 sena.

Il-Qorti, giet miltuba sabiex tittratta ma' l-imputat Stephen Nappa bhala recediv a tenur ta' l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u/jew mill-Qorti Kriminali liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jithassru.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b), 263, 264 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; min-naha l-ohra qed tiehu in konsiderazzjoni l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b), 263, 264 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sebgha (7) xhur prigunerija.

Il-Qorti qed tirrakkomanda li l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja waqt li jkun il-Facilita Korrettiva ta' Kordin minhabba l-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------